# SE TIXTRI TROMBA



Biex wieħed jista' josserva l-agħsafar fl-istat naturali tagħhom għandu bzonn tromba tajba. Għalhekk se naraw xi tagħrif siewi fuq kif taħdem it-tromba u xi punti li wieħed irid jagħti kas meta jkun se jixtri tromba.

Il-funzjoni ewlenija ta' tromba hi li tkabbar l-oggetti biex ikunu jistgħu jidhru b'aktar dettalji cari. Għalhekk wieħed jista' jaħseb li aktar ma t-tromba tkun tkabbar aktar ikun aħjar, izda dan m'hux dejjem il-kaz. Aktar ma t-tromba tkun tkabbar aktar tkun tqila u goffa u barra mil-fatt li trid iggorrha miegħek ikun difficli ħafna biex izzommha soda f'idejk. Wara kollox x'uzu jkollha veduta mkabbra ħafna jekk bic-caqliq ta' l-idejn ma tkunx tista' tara sewwa. Barra minnhekk aktar ma t-tromba tkun tkabbar il-wesgħa tal-veduta aktar tkun zgħira u l-abilta' li tiffoka (tara car) fuq oggetti qrib ħafna tonqos ukoll. Għalhekk wieħed jista' jgħid li tromba li tkabbar ħafna m'hix necessarjament ħaga tajba.

Generalment it-trombi jkollhom numri stampati fuqhom bhal,ngħidu aħna, 6X30, 7X50, 8X30 jew 10X50; hemm ħafna kombinazzjonijiet oħra, izda dawn li semmejna huma l-izjed komuni. L-ewwel numru - 6, 7, 8, 10 - jindika kemm il-darba t-tromba tkabbar. X'qawwa ta' tromba għandu wieħed juza? 6X huwa xi ftit baxx għalkemm jekk ikollok tromba 6X tajba din tkun ħafna aħjar minn xi waħda ta' qawwa ikbar izda m'hix cara ħafna. 8X hija tajba ħafna għal uzu generali; 10X hija eccellenti għal distanzi fit-tul bħal, ngħidu aħna, għax-xtut u l-kosti tal-baħar, izda m'hix daqshekk tajba biex tara fil-vicin bħal, ngħidu aħna, f'xi wied bil-qasab u s-sigar. Fil-ħwienet tistgħu taraw trombi b'qawwa ikbar minn 10X, bħal 12X, 15X kif ukoll 20X, izda dawn tatux kashom. Naħseb li għalissa l-aħjar tromba ghal min għadu jibda hija 8X.

It-tieni numru fuq it-tromba jindika d-dijametru f'millimetri tal-lenti ta' quddiem tat-tromba. Għalhekk tromba 10X50 tkabbar 10 darbiet u l-lenti ta' quddiem ghandhom dijametru ta' 50 millimetru. Jekk niddividu t-tieni numru bl-ewwel ikollna ndikazzjoni ta' l-ammont ta' dawl li jgħaddi mit-tromba -



fattur ta' 5 għal trombi 6X30 u 10X50 u fattur ta' 7 għal tromba 7X50. Għal kundizzjonijiet normali fattur ta' 4 jew 5 hu tajjeb. Fattur ta' 7 hu aħjar f' dawl baxx u għalhekk trombi 7x50 kulltant isejjħulhom "trombi ta' bil-lejl" (night glasses). Izda billi il-ħabba ta' l-għajn tickien f'dawl normali jew qawwi tromba 7X50 ma' jkollha xejn specjali,f'dawn il-kundizzjonijiet, ħlief piz zejjed. Jekk toqgħod tqis kollox l-aħjar hija 8X30.

Il-kisi tal-lenti b'kimika specjali waqt li tkun immanufatturata jnaqqas ħafna l-ammont tar-riflessjoni minn fuq il-lentijiet. Dan mhux biss iħalli aktar dawl li jgħaddi mit-tromba imma jipprovdi wkoll dehra aktar cara. Meta tixtri tromba gdida qis li l-lentijiet ikunu miksijja; meta tħares lejhom(mhux minn go fihom) il-lentijiet miksija ikollhom lewn ikħal jew safrani.

Il-wesgħa tal-veduta hemm bzonn li tkun wisgħa mhux ħazin. Mingħajr din ikun difficli li ssib u tara dak li tkun trid jew li tibqa' tara għasfur waqt li jkun itir. Il-wesgħa tal-veduta tingħata jew bħal angolu jew bħala numru ta' jardi wisa' li jkunu jidhru minn tul ta' elf jarda bogħod. L-inqas li jista' jkollok huwa angolu ta' 7° li hu ekwivalenti għal wisa' ta' 120 jarda kif jidhru minn 1000 jarda bogħod u dan hu normali għal tromba 8X30. Hemm xi trombi Ġappunizi li għandhom angolu wiesa' iżda l-kwalita tad-dehra mhix tajba ħafna. Il-lentijiet iridu jkunu ta' kwalita tajba biex ikollhom angolu wiesa' kif ukoll dehra tajba.

A E BALDACCHINO



It-trombi trid tiffukhom iġifieri tmexxi il-lentijiet 'l quddiem u lura sakemm tara ċar kemm minħabba id-distanzi li jvarjaw kif ukoll minħabba l-vista differenti ta' nies differenti. L-iffukar tat-trombi jista' jkun jew ċentrali - b' rota waħda fin-nofs tat-tromba li tmexxi ż-żewġ lentijiet ta' qrib l-għajnejn (eye-pieces) - jew kull lenti trid tiffokha separatament. L-iffukar ċentrali huwa iktar faċli għax għandek bżonn biss seba wieħed, u meta tixtru tromba araw li din tiffoka b'rota ċentrali.

Punt importanti ieħor dwar l-iffukar u li rari wieħed jgħati kasu hu dak ta' l-iqsar distanza li t-tromba tista' tiffokha ċar. Dan hu bżonjuz għal studju mill-viċin ta' xi għasfur u ma jridx ikun aktar minn 10 piedi jekk hu possibli. Għal darb'ohra kemm trombi li jkabbru ħafna kif ukoll trombi irħas mhumiex tajbin ħafna f'dan il-qasam. Peress li meta wieħed jixtri tromba iktar jiffoka fuq oggetti fil-bogħod dan il-punt spiss jintnesa. Dan ukoll ivarja skond il-vista ta' l-għajnejn u xi ħadd li jbati bil-"long sight" irid joqgħod aktar attent, għaliex hu ma jkunx jista' jiffoka fil-viċin daqs wieħed b'vista normali jew b'vista qasira ("short sight").

Kif teżamina tromba qabel ma tixtriha: Qatt ma għandek tixtri tromba mingħajr ma teżaminha. Għaxar minuti fil-bieb tal-hanut u xi tliet trombi, waħda minnhom ta' kwalita tajba hafna, wieħed malajr jibda jinduna il-kwalitajiet tajbin u jasal biex jagħżel l-aħjar tromba minn dawk l-irħas jekk ma jkunx irid jonfoq ħafna.

Meta teżamina tromba:

1) iċċekkja il-makkinarju ta' kif taħdem; ara li r-rota ta' l-iffukar iddur liberament u li t-traversa li tgħaqqad iż-żewġ lentijiet li minnhom tħares mhix mgħawga u soda biżżejjed; kun ċert li l-qafas tagħha hu sħiħ u sod.

2) ħares mit-tromba bil-maqlub (mil-lentijiet il-kbar). B'hekk wieħed jista' jinnota xi diffetti fil-lentijiet jew xi ħmieġ. Il-lentijiet jista' jkun fihom xi bużżieqa ta' l-arja jew jista' jkun hemm xi frak tal-ħadid minn ġewwa.

3) itrombja lejn oġġett żgħir ftit 'l bogħod kontra s-sema - in-naħa ta' fuq ta' arblu tat-'television' jew xi arblu ta' bandiera huwa tajjeb ħafna. Kun ċert li tara dehra waħda bla ma tagħmel sforz. Jekk tara żewġ dehriet ta' l-oġġett viċin ta' xulxin allura it-tromba

mhix f'posta u jaqbillek twarrabha.

4) erġa ħares lejn l-arblu tat-'television' u ara jekk id-dehra tibqax ċara meta tmexxi t-tromba l-ewwel lejn ix-xellug imbagħad lejn il-lemin. Normalment fit-trombi kollha jkun hemm xi tizlig fit-truf tal-lenti izda id-dehra trid tkun cara għall-inqas fin-nofs tal-lenti.

5) kun cert li l-arblu tat-'television' li jkun jidher fin-nofs tal-lenti ma jkollux bordura kaħla fuq naħa waħda u lewn il-laring fuq in-naħa l-oħra. Dan hu mportanti ħafna għaliex il-lewn ta' l-asgħafar jistgħu jigu mfixkla. Meta tmexxi t-tromba min-naħa għall-oħra ma jridx ikun hemm borduri mlewna fin-nofs tal-lenti; fit-truf tal-lenti dan jigri spiss u n-nuccalijiet ukoll ikollhom dan l-effett għalkemm ħafna nies ma jagħtux kasu.

6) ħares lejn xi ħaga dritta - xi arblu jew xi kantuniera ta' xi bini. Jekk tmexxi t-tromba lejn ix-xellug imbagħad lejn il-lemin il-linja dritta tidher xi ftit mgħawga, izda dan it-tgħawwig mhux suppost li jidher fin-nofs tal-lenti.

7) iccekkja l-iqsar distanza li tista' tara car. Ħafna trombi mhumiex tajbin ħafna f'dan il-qasam għalkemm tista' ssib differenzi kbar bejn trombi ta' l-istess marka.

8) iffoka fuq xi ħaga li għandha ħafna dettalji u ara kemm tidher cara. B'hekk tkun tista' tagħmel paragun bejn tromba w oħra. Mod tajjeb biex tagħmel dan hu li twaħħal xi bicca gazzetta daqs għoxrin jarda 'l bogħod u ezamina d-differenzi fit-tipa tal-kitba.

9) iccekkja c-carezza ta' dak li tkun qiegħed tara billi tqabbel tromba m'oħra u kun cert li l-lentijiet huma miksijin b'lewn ikħal jew safrani.

Kif qegħdin taraw mhix ħaga facli biex tixtri tromba izda jekk intom tieħdu z-zmien tagħkom tippruvaw u taraw trombi differenti fl-aħħar issibu waħda li tkun eccellenti.

Qabel ma nieqaf nixtieq nerga nagħtikom il-parir tiegħi biex tixtru tromba 8X30, izda l-importanti hu li tixtru waħda li tkun għal qalbkom. Ħudu ħsiebha u ħudu gost osservaw l-agħsafar fl-istat naturali tagħhom.

*Dan l-artiklu ġie addattat u maqlub għal Malti minn artiklu ta' John Taunton u li kien deher f'magazine tal-YOC (Young Ornithologists' Club) ta' l-RSPB (The Royal Society for the Protection of Birds).*